**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Marzu 2010 (12.04)**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2010/0065 (COD)**

**8157/10**

**DROIPEN 30**
**MIGR 36**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kummissjoni Ewropea |
| data: | 29 ta' Marzu 2010 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

---

Mehmuż: COM(2010)95 finali

KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 29.3.2010
KUMM(2010)95 finali

2010/0065 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

It-traffikar tal-bnedmin huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-iktar reati serji fid-dinja, vjolazzjoni kbira tad-drittijet umani, forma moderna ta' skjavitù, u negozju ta' profitt qawwi għall-kriminalità ogranizzata. Dan jikkonsisti fir-reklutaġġ, it-trasferiment u l-akkoljenza ta' persuni, mwettqa b'mezzi ta' sfruzar, qarrieqa jew abbużivi, għal għan ta' sfruttar inkluż sfruttar sesswali u ta' xogħol, xogħol furzat, servitù domestika u forom oħra ta' sfruttament inkluż it-teħid ta' organi.

Għalhekk it-tweġiba għat-traffikar għandha tkun robusta, u għandha timmira lejn il-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reat kif ukoll lejn il-protezzjoni tal-vittmi.

### 1.2. Kuntest ġenerali

Diversi Stati Membri tal-UE huma pajjiżi ta' destinazzjoni prinċipali għat-traffikar tal-bnedmin minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, hemm evidenza ta' flussi ta' traffikar fi ħdan l-UE. Huwa raġonevoli li jkun stmat miċ-ċifri disponibbli li diversi mijiet ta' eluf ta' persuni huma ttraffikati fl-UE jew fi ħdan iż-żona tal-UE kull sena.

Wieħed jista' jargumenta li l-vulnerabbiltà soċjali hija l-kawża priniċipali tat-traffikar tal-bnedmin. Il-vulnerabbiltà tiġi minn fatturi ekonomiċi u soċjali bħal ma huma l-faqar, id-diskriminazzjoni bejn is-sessi, il-kunflitti armati, il-vjolenza domestika, familji disfunzjonali u ċirkustanzi personali bħal ma huma l-età, il-kundizzjonijiet tas-saħħa jew diżabilitajiet. Din il-vulnerabbiltà hija użata min-netwerks tal-kriminalità organizzata biex tiffaċilita l-migrazzjoni u b'konsegwenza tisfrutta n-nies b'mod gravi bl-użu tal-forza, theddid, sfurzar, jew forom differenti ta' abbuż bħall-jasar tad-dejn. Fil-fatt il-livell għoli ta' profitti magħmula huwa l-mutur prinċipali tal-attività. It-talba għal servizzi sesswali u xogħol bl-irħis hu fattur li jmexxiha fl-istess ħin.

### 1.3. Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-Konvenzjoni tal-NU dwar id-Drittijet tat-Tfal, adottata fl-1989 timmira li tipproteġi t-tfal minn kull forma ta' sfruttament sesswali u abbuż sesswali. Dan l-obbligu jestendi għall-isfruttament u l-abbuż sesswali mwettaq kontra t-tfal fil-kuntest tat-traffikar tal-bnedmin.

Fis-sena 2000, in-NU adottat Protokoll għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u tat-Tfal, sabiex tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Transnazzjonali Organizzata. Il-Protokoll kien l-ewwel strument internazzjonali komprensiv li jittratta t-traffikar tal-bnedmin. Sa Marzu tal-2009, il-Protokoll ġie ratifikat minn 24 Stat Membru tal-UE, u t-3 l-oħra ffirmawh. Il-Kummissjoni Ewropea ffirmat u approvat il-Protokoll.

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin tipprovdi qafas komprensiv u koerenti li jkopri l-prevenzjoni, l-kooperazzjoni bejn atturi differenti, il-protezzjoni u l-għajnuna għall-vittmi, u obbligu biex ikun ikkriminalizzat it-traffikar tal-bnedmin. L-implimentazjoni ta' dawn il-miżuri twassal għal titjib sinifikanti. Il-Konvenzjoni ġiet ratifikata minn 16-il Stat Membru tal-UE. Għaxra (10) oħra ffirmawha u qegħdin fil-proċess ta' ratifikazzjoni.

Id-Deċiżjoni Qafas (DQ) dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin ġiet adottata fid-19 ta' Lulju 2002 bħala tweġiba għal ħtieġa li tinħass ġeneralment biex ir-reat kriminali serju tat-traffikar tal-bnedmin ikun indirizzat fuq livell tal-UE. Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-DQ kien adottat mill-Kummissjoni f'Mejju tal-2006.

Id-Direttiva 2004/81/KE tipprovdi għall-għajnuna u status ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/81/KE fil-ħarifa tal-2010 u se tikkunsidra l-miżuri xierqa għar-raffurzar addizzjonali tal-protezzjoni offerta lill-vittmi mill-Istati Membri.

## 1.4. Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni

Il-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza bbażata fuq is-sess inkluż it-traffikar tifforma parti integrali mill-impenn meħud mill-Kummissjoni fil-Pjan dwar l-ugwaljanza bejn is-Sessi[1]. Il-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal ukoll hija inkluża fl-istrateġija dwar id-drittijiet tat-tfal[2]. L-għan tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-għajnuna tal-vittmi huwa konsistenti mar-regolament fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fil-proċedura kriminali[3], u d-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE dwar il-permessi ta' residenza[4] li tittratta kwestjonijiet ta' immigrazzjoni u tapplika biss għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Id-dispożizzjonijiet kollha inklużi f'din id-Deċiżjoni Qafas japplikaw sa fejn il-kwistjoni mhix koperta mid-Direttiva msemmija hawn fuq. L-għan tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin huwa konsistenti wkoll mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE dwar il-kumpens tal-vittmi ta' reati li għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess għall-kumpens f'sitwazzjonijiet transkonfinali[5] u mad-Deċiżjoni Qafas 2008/841/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata[6]. It-traffikar tal-bnedmin huwa inkluż fil-lista ta' reati li jwasslu għal konsenja skont mandat ta' arrest Ewropew f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI dwar il-mandat ta' arrest Ewropew[7]. L-għanijiet imsemmija hawn fuq huma kompletament konsistenti ma' dawn l-istrumenti, kif ukoll mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Traffikar tal-Bnedmin u mal-mandati tal-Europol u l-Eurojust

Kwalunkwe azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta tal-UE) u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR). L-Istati Membri, meta jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni, għandhom jagħmlu dan skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

---

1 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010, - SEC(2006)275, COM(2006)92.

2 Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni – Lejn strateġija tal-UE dwar id-drittijet tat-tfal SEC(2006) 888 SEC(2006) 889 , COM(2006) 367.

3 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali (2001/220/ĠAI), (ĠU L 82, 22.3.2001, p.1).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 85).

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' reati, (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 15).

6 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.

7 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, (ĠU L 190, 18.7.2002).

Din il-proposta saret suġġett għal skrutinju fil-fond biex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu kompatibbli bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali u partikolarment id-dinjità umana, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew kastig inuman u degradanti, il-projbizzjoni tal-iskjavitù u x-xogħol forzat, id-drittijiet tat-tfalid-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-libertà ta' espressjoni u informazzjoni, il-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipju ta' legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni.

Ingħatat attenzjoni partikolari għall-Artikolu 5(3) tal-Karta tal-UE li espliċitament tipprojbixxi t-traffikar tal-bnedmin. Barra minn hekk, l-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE kien ta' importanza, billi ħafna mill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin huma tfal. Provvedimenti dwar il-protezzjoni u l-għajnuna lill-vittmi għandhom impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali. Id-dritt ta' protezzjoni mill-iskjavitù, x-xogħol furzat u s-servitù ġie rrikonoxxut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Id-dritt tal-vittma għal investigazzjoni akkurata, imparzjali, effettiva, u rapida hija relevanti wkoll hawnhekk; issir effettiva b'żieda ta' rikonoxximent tar-rwol tal-vittma fil-proċedimenti kriminali.

Jista' jkun hemm impatt negattiv possibbli derivat minn żieda fir-rwol tal-vittma fil-proċedimenti kriminali, jekk dan ir-rwol imsaħħaħ kellu jipperikola d-drittijiet proċedurali tal-akkużat, b'mod partikolari d-dritt għal proċess ġust (l-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE) u d-dritt għad-difiża (l-Artikolu 48 tal-Karta tal-UE). Madanakollu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbiliet prinċipji ċari sabiex tirrikonċilja d-drittijiet rispettivi tal-akkużat ma' tal-vittma. Għalhekk ġiet żgurata kompatibbiltà sħiħa mad-drittijiet tad-difiża bl-abbozzar bir-reqqa tat-test leġiżlattiv, li huwa l-bażi għall-implimentazzjoni xierqa mill-Istati Membri.

Meta jkun neċessarju, jista' jsir użu xieraq tal-possibilitajiet tal-fondi disponibbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea biex iservi ta' sostennll-isforzi tal-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi ta' din id-direttiva.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### 2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

#### *2.1.1. Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin indirizzati u l-profil ġenerali tal-partijiet*

Wara t-talba tal-Kunsill biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-UE[8], il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-Istati Membri (SM) f'Diċembru 2007. Tlieta u għoxrin (23) SM u n-Norveġja wieġbu. Ir-riżultati ġew meqjusa fid-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni adottat fis-17 ta' Ottubru 2008[9].

Saru tliet laqgħat konsultattivi sabiex tkun abbozzata valutazzjoni tal-impatt. Il-Grupp ta' Esperti dwar it-Traffikar tal-Bnedmin iltaqgħu fit-2 u t-3 ta' Ottubru 2008, u wara diskussjoni estensiva, ħarġu opinjoni bil-miktub. Fis-7 ta' Ottubru 2008 saret laqgħa konsultattiva ma' esperti minn oqsma differenti inklużi gvernijiet, aġenziji tal-infurzar tal-liġi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet internazzjonali u universitajiet. Fis-

[8] Il-Pjan tal-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni u l-prevenzjoni tiegħu,( ĠU C 311, 09.12.2005, p. 1).

[9] Il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan tal-UE dwar l-aħjar prattiċi, standards u proċeduri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-prevenzjoni tiegħu - COM(2008) 657.

17 ta' Ottubru 2008 il-parteċipanti kienu mistiedna biex wara jittrażmettu l-kummenti bil-miktub, u numru ta' esperti bagħtuhom. Saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-Istati Membri.

*2.1.2. Sinteżi tar-reazzjonijiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati*

– Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-Traffikar tal-Bnedmin, fl-opinjoni bil-miktub tiegħu, enfasizza bħala prinċipji gwida, il-ħtieġa għal qafas legali adegwat f'kull pajjiż, il-ħtieġa li d-drittijiet umani jsiru kwistjoni ta' importanza kbira, li jittieħed approċċ ħolistiku, koordinat u integrat biex jgħaqqad il-politiki tal-gvern dwar it-traffikar tal-bnedmin ma' dawk dwar il-migrazzjoni, li jkunu rispettati d-drittijiet tat-tfal, li tkun promossa r-riċerka dwar it-traffikar tal-bnedmin u li jkun sorveljat l-impatt tal-politiki kontra t-traffikar.

– Ħafna mill-partijiet ikkonċernati qablu dwar il-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet speċifiċi mmirati biex isaħħu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni. Ir-rwol kruċjali tal-miżuri tal-għajnuna ġew enfasizzati b'mod ġenerali.

– Il-kwistjoni biex ikun introdott obbligu speċifiku biex ikunu kkriminalizzati l-klijenti li jafu li qed jużaw servizzi sesswali minn persuni ttraffikati kienet kontroversjali fost il-partijiet ikkonċernati. Numru ta' SM semmew li f'kull każ dispożizzjoni bħal din m'għandhiex tkun torbot.

## 2.2. Ġbir u użu tal-kompetenzi

Ma kienx hemm bżonn ta' kompetenza esterna.

## 2.3. Valutazzjoni tal-impatt ta' SEC(2009) 358 u Valutazzjoni tal-impatt tas-sommarju SEC(2009) 359

Diversi għażliet ta' politiki ġew eżaminati b'konnessjoni mal-Proposta preċedenti għad-Deċiżjoni Qafas tal-25 ta' Marzu 2009 bil-għan biex jiġi prevenut u miġġieled b'mod iktar effettiv it-traffikar tal-bnedmin, u sabiex jiġu protetti l-vittmi.

- Għażla ta' Politika (1): L-ebda azzjoni ġdida mill-UE

L-UE ma tieħu ebda azzjoni biex tiġġieled it-traffikar tal-bnedmin, waqt li l-Istati Membri jistgħu jkomplu bil-proċess ta' ffirmar u ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin.

- Għażla ta' Politika (2): Miżuri mhux leġiżlattivi

Id-DQ 2004/629/JHA ma tkunx emendata. Jistgħu jsiru miżuri mhux leġiżlattivi fil-qasam tal-iskemi ta' appoġġ għall-vittmi, il-monitoraġġ, il-miżuri ta' prevenzjoni fil-pajjiżi destinatarji, il-miżuri ta' prevenzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, it-taħriġ, u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi.

- Għażla ta' Politika (3): Leġiżlazzjoni ġdida dwar il-prosekuzzjoni, l-appoġġ għall-vittmi, il-prevenzjoni u l-monitoraġġ

Tkun adottata DQ ġdida bl-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet fid-DQ eżistenti, flimkien ma' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-KtE u elementi oħra. B'mod partikolari, id-DQ ġdida jkollha dispożizzjonijiet fil-qasam tal-liġi kriminali sostantiva il-ġuriżdizzjoni u l-

prosekuzzjoni, id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali, l-għajnuna għall-vittmi, miżuri protettivi speċjali għat-tfal, il-prevenzjoni u l-monitoraġġ.

- Għażla ta' Politika (4): Leġiżlazzjoni ġdida (bħal tal-għażla 3) + miżuri mhux leġiżlattivi (bħal tal-għażla 2)

– DQ ġdida tkun adottata, li tinkorpora d-DQ eżistenti kif ukoll dispożizzjonijiet ġodda. Id-DQ l-ġdida tkun supplimentata b'miżuri mhux leġiżlattivi, u b'mod partikolari dawk identifikati fl-għażla 2.

– Wara l-analiżi tal-impatti ekonomiċi, l-impatti soċjali u l-impatti fuq id-drittijiet fundamentali, l-għażliet 3 u 4 juru l-aħjar approċċ għall-problema u għandhom jilħqu bis-sħiħ l-għanijiet identifikati. L-aħjar għażla tkun l-għażla 4.

– Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-Proposta għad-Deċiżjoni Qafas preċedenti tal-25 ta' Marzu 2009 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li hija valida mutatis mutandis għall-Proposta preżenti għal Direttiva. Peress li l-Proposta għad-Direttiva msemmija f'dan il-memorandum hija, fil-kontenut tagħha, essenzjalment identika għall-proposta preċedenti għal Deċiżjoni Qafas, il-valutazzjoni tal-impatt eżistenti jista' jibqa' jiġi kkunsidrat validu wkoll għall-proposta l-ġdida. Wieħed jista' jaċċessa r-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq:

  http://ec.europa.eu/governance/impact/ia_carried_out/cia_2009_en.htm#jls.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Sinteżi tal-azzjoni proposta

Id-DQ l-ġdida, minbarra d-dispożizzjonijiet fid-DQ attwali, tinkludi l-elementi ġodda li ġejjin:

*3.1.1. Dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali sostantiv*

– Definizzjoni;

– Pieni u ċirkostanzi aggravanti;

– Ma jkunux applikati sanzjonijiet lill-vittmi.

*3.1.2. Ġuriżdizzjoni u prosekuzzjoni*

– Regoli ta' ġuriżdizzjoni extraterritorjali iktar wiesgħa u li jorbtu iktar;

– Għodod investigattivi.

*3.1.3. Assistenza u appoġġ għall-vittma*

– It-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' identifikazzjoni prekoċi u għajnuna għall-vittmi;

– Standard ta' għajnuna inkluż aċċess għat-trattament mediku neċessarju, counselling u għajnuna psikoloġika;

– Miżuri speċjali għat-tfal.

*3.1.4. Il-protezzjoni tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali*

– Trattament speċjali bil-għan li jipprevjeni vittimizzazzjoni sekondarja;

– Protezzjoni fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju;

– Konsultazzjoni u rappreżentanza legali, inkluż bil-għan biex jintalab kumpens.

*3.1.5. Prevenzjoni*

– Azzjoni mmirata biex tiskoraġġixxi t-talba għas-servizzi sesswali u x-xogħol bl-irħis;

– Taħriġ;

– Il-kriminalizzazzjoni tal-utenti ta' servizzi li jiġu minn persuna, meta dawn ikunu jafu li din il-persuna qed tkun ittraffikata.

*3.1.6. Sorveljanza*

– Jkunu stabbiliti Rapporteurs Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti.

## 3.2. Il-Valur miżjud tal-proposta, meta mqabbel mal-Konvenzjoni tal-KtE tal-2005 dwar azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin

Il-proposta tibni fuq il-Konvenzjoni tal-KtE u tadotta l-istess approċċ ħolistiku inklużi l-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni, il-protezzjoni tal-vittmi u l-monitoraġġ. Barra minn dan, il-proposta turi dawn l-elementi prinċipali ta' valur miżjud li ġejjin:

– Livell ta' pieni preċiż adattat għas-severità tar-reat (l-Artikolu 4).

– Regola ta' ġuriżdizzjoni extraterritorjali usa' u li torbot iktar, li tobbliga lill-Istati Membri li jipproċedu kontra ċittadini u residenti abitwali li wettqu r-reat tat-traffikar barra mit-territorju tal-Istat Membru (l-Artikolu 9).

– Ambitu usa' tad-dispożizzjoni dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' sanzjonijiet lill-vittmi għall-involviment tagħhom f'attivitajiet illegali, kwalunkwe mezzi illeċiti li ntużaw mit-traffikanti (l-Artikolu 6).

– Standard ogħla ta' għajnuna lill-vittmi, speċjalment dwar it-trattament mediku (l-Artikolu 10).

– Il-miżuri protettivi speċjali għat-tfal li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin (l-Artikoli 12-14)

– Barra minn dan, l-integrazzjoni ta' dispożizzjonijiet li għandhom kontenut simili fl-acquis tal-UE juri l-vantaġġi relatati ma' rabta iktar b'saħħitha maħluqa mill-ordni legali tal-UE, preċiżament id-dħul fis-seħħ immedjat, u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni.

## 3.3. Bażi legali

L-Artikoli 82(2) u l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

## 4. PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin teħtieġ sforzi ta' koordinazzjoni fost l-Istati Membri, kif ukoll kooperazzjoni fuq livell internazzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Id-differenzi fit-trattament legali fl-Istati Membri differenti ifixklu l-isforzi koordinati u l-infurzar tal-liġi internazzjonali u l-kooperazzjoni ġuridika.

L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni li ġejja.

Il-proposta se tqarreb ir-regoli proċedurali u tad-dritt sostanttiv kriminali tal-Istati Membri b'mod iktar estensiv mill-DQ preżenti. Din se jkollha impatt pożittiv fuq il-liġi internazzjonali u l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-protezzjoni u għajnuna mogħtija lill-vittmi. Għaldaqstant, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

## 5. PRINĊIPJU TA' PROPORZJONALITÀ

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità billi tillimita ruħha għall-minimu rikjest biex tikseb dawk l-għanijiet f'livell Ewropew u ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ għal dak il-għan.

## 6. GĦAŻLA TA' STRUMENTI

Strument propost: Direttiva.

Fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, l-approssimazzjoni tal-liġijiet u regolamenti kriminali tal-Istati Membri hija neċessarja sabiex titjieb il-kooperazzjoni f'materji kriminali. Għal dan il-għan, it-Trattat speċifikament jaħseb għall-adozzjoni tad-direttivi biss.

## 7. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta m'għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

## 8. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

### 8.1. Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta se twassal biex il-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi revokata.

### 8.2. Skop territorjali

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri. L-applikazzjoni tar-riżultanti Direttiva għar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka se tiġi determinata skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokolli (Nru 21) u (Nru 22) annessi mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2010/0065 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u l-protezzjoni tal-vittmi, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[11],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-proposta leġiżlattiva lill-Parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) It-traffikar tal-bnedmin huwa delitt gravi, ħafna drabi jiġi mwettaq fil-qafas tal-kriminalità organizzata, huwa vjolazzjoni gravi tad-drittijiet fundamentali u espliċitament projbita mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tipprevjeni u tiġġieled kontra t-traffikar tal-bnedmin, u li tipproteġi d-drittijiet tal-persuni ttraffikati. Għal dan il-għan, kienu adottati id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin,[12] u l-Pjan tal-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni u l-prevenzjoni tiegħu, (2005/C311/01)[13]. B'mod parallel għal dan, l-UE qed tieħu azzjonijiet oħra f'pajjiżi tal-oriġini u ta' trasferiment tal-vittmi li mhumiex tal-UE, b'mod partikolari bl-għan li tqajjem kuxjenza, tnaqqas il-vulnerabbiltà, tappoġġa u tassisti l-vittmi, tiġġieled l-għerq tar-raġunijiet tat-traffikar u tappoġġa l-pajjiżi biex jiżviluppaw leġiżlazzjoni xierqa ta' kontra t-traffikar. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni tal-prosekuzzjoni tal-każi tat-traffikar tal-bnedmin se tiġi ffaċilitata bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-

10 ĠU C , , p. .
11 ĠU C , , p. .
12 ĠU L 203, , 1.8.2002, p. 1.
13 ĠU C 311, 9.12.2005, p. 1.

Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitt tal-ġuriżdizzjoni fil-proċedimenti kriminali[14].

(3) Din id-Deċiżjoni Qafas tadotta approċċ integrat u ħolistiku għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Prevenzjoni u prosekuzzjoni iktar rigorużi, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, huma l-għanijiet prinċipali ta' din id-Deċiżjoni Qafas. It-tfal huma aktar vulnerabbli u huma għalhekk esposti għal riskju akbar li jsiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jingħataw konsiderazzjoni primarja, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal[15].

(4) Il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000 dwar il-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa u t-Tfal, li jissuplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali[16], u l-Konvenzjoni tal-2005 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin[17] huma passi kruċjali fil-proċess tat-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali kontra t-traffikar tal-bnedmin.

(5) Sabiex jiġu ttrattati l-iżviluppi riċenti tal-fenomenu tat-traffikar tal-bnedmin, din id-Direttiva tadotta kunċett iktar wiesgħa ta' dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala traffikar tal-bnedmin minn dak li hemm fid-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI u għalhekk tinkludi forom ta' sfruttament addizzjonali. Fil-kuntest ta' din id-Direttiva, elemożina furzata għandha tiġi kkunsidrata bħala forma ta' xogħol jew servizz furzat kif definiti fil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 29 li tirrigwarda x-Xogħol Furzat jew Mġiegħel tad-29 ta' Ġunju 1930. Għalhekk, l-isfruttament tal-elemożina taqa' fi ħdan l-ambitu tad-definizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin biss meta l-elementi kollha tax-xogħol jew servizzi furzati jeżistu. Fid-dawl tal-ġurisprudenza relevanti, il-validità ta' kunsens eventwali sabiex jingħata tali servizz għandu jiġi valutat każ b'każ. Madanakollu, fir-rigward tat-tfal, il-kunsens eventwali ma għandu qatt jiġi kkunsidrat validu. It-terminu "sfruttament ta' attivitajiet kriminali" għandu jinftiehem bħala sfruttament ta' persuna biex twettaq, inter alia, borseġġament, serq mill-ħwienet u attivitajiet simili li huma suġġetti għal pieni u jimplikaw profitt finanzjarju. Id-definizzjoni tkopri wkoll it-traffikar tal-bnedmin għall-għan tat-teħid tal-organi, li jista' jkun marbut mat-traffikar tal-organi u jikkostitwixxi vjolazzjoni serja tad-dinjità umana u l-integrità fiżika.

(6) Il-livelli tal-pieni f'din id-Direttiva tirrifletti l-biża' dejjem tikber fost l-Istati Membri dwar iż-żieda tat-traffikar tal-bnedmin. B'kunsiderazzjoni tal-gravità tad-delitt, din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi iktar armonizzazzjoni u livell iktar għoli ta' pieni fl-UE. Meta jitwettaq reat f'ċerti ċirkostanzi, pereżempju kontra vittma partikolarment vulnerabbli, il-piena għandha tkun iktar ħarxa. Fil-kuntest ta' din id-Direttiva, il-persuni li huma partikolarment vulnerabbli għandhom jinkludu ta' mill-

14 ĠU L 328, 15.12.2009, p.42

15 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata u miftuħa għall-firem, għar-ratifikazzjoni u għall-adeżjoni mir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 44/25 tal-20 ta' Novembru 1989.

16 Il-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, speċjalment tan-Nisa' u t-Tfal, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijieti Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, magħmul f'Palermo, fl-2000.

17 Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, magħmula f'Varsavja, 16.5.2005, it-Trattat tal-Kunsill tal-Ewropa Serje N. 197.

inqas it-tfal kollha, u l-adulti li huma partikolarment vulnerabbli għal raġunijiet ta' tqala, kundizzjonijiet ta' saħħa jew diżabbiltà meta ġie mwettaq ir-reat. Meta r-reat huwa partikolarment gravi, pereżempju meta l-ħajja tal-vittma kienet fil-periklu jew r-reat kien jinvolvi vjolenza serja jew b'mod partikolari kkawża ħsara serja lill-vittma, dan għandu jiġi rifless b'piena partikolarment ħarxa. Meta, taħt din id-Direttiva, issir referenza għal konsenja, tali referenza għandha tiġi interpretata skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat tal-arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri[18].

(7) Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom, skont il-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tal-Istati Membri relevanti, ikunu protetti mill-prosekuzzjoni jew mill-kastig għall-attivitajiet kriminali bħalma huma l-użu ta' dokumenti foloz, jew reati taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-prostituzzjoni jew l-immigrazzjoni, li huma ġew imġiegħla jagħmlu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li huma suġġetti għat-traffikar. L-għan ta' tali protezzjoni hija li tissalvagwardja d-drittijiet umani tal-vittmi, biex tevita vittimizzazzjoni ulterjuri u biex tinkoraġġihom biex jaġixxu bħala xhieda fi proċedimenti kriminali kontra l-perpetraturi. Din is-salvagwardja ma teskludix il-prosekuzzjoni jew il-kastig għal reati li l-persuna tkun għamlet jew ipparteċipat fihom volontarjament.

(8) Sabiex jiġi garantit li l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet dwar reati tat-traffikar tal-bnedmin ikunu suċċess, it-tnedija tagħhom ma għandhiex tkun tiddependi fuq l-irrapurtar jew l-akkuża min-naħa tal-vittma. Il-prosekuzzjoni għandha tkun permessa għal perjodu ta' żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun saret maġġorenni. L-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi għandhom ikunu adegwatament imħarrġa, bil-għan ukoll li jtejbu l-infurzar tal-liġi internazzjonali u l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dawk responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati għandhom ukoll ikollhom aċċess għall-għodod investigattivi użati mill-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' delitti serji bħalma huma l-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet, is-sorveljanza bil-moħbi inkluż is-sorveljanza elettronika, il-moniteraġġ tal-kontijiet tal-bank u investigazzjonijiet finanzjarji oħra.

(9) Sabiex tiġi garantita l-prosekuzzjoni ta' gruppi kriminali internazzjonali li ċ-ċentru tal-attività tagħhom huwa fi Stat Membru u li jagħmlu t-traffikar tal-bnedmin f'pajjiż terz, il-ġuriżdizzjoni fuq it-traffikar tal-bnedmin għandha tkun stabbilita meta t-trasgressur ikun ċittadin jew resident abitwali ta' Stat Membru, u r-reat ikun imwettaq barra mit-territorju ta' dak l-Istat Membru. B'mod simili, il-ġuriżdizzjoni għandha tiġi wkoll stabbilita meta l-vittma hija ċittadina jew residenta abitwali ta' Stat Membru, jew ir-reat jiġi mwettaq għall-benefiċċju ta' persuna legali stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru, u r-reat jiġi mwettaq barra mit-territorju ta' dak l-Istat.

(10) Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess tar-residenza maħruġ liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu id-destinatarji ta' azzjoni li tiffaċilita l-immigrazzjoni illegali u li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti[19] biex jinħareġ permess ta' residenza lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, u d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini

[18] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.
[19] ĠU L 261, 6.8.2004, p. 19.

tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jirresjedu liberament fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri[20] tirregola l-eżerċizzju ta' dan id-dritt li jiċċaqilqu u jirresjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri miċ-ċittadini tal-Unjoni u l-familji tagħhom, inkluża l-protezzjoni mit-tkeċċija, din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri protettivi speċifiċi għal kwalunkwe vittma ta' traffikar tal-bnedmin. Bħala konsegwenza, din id-Direttiva ma tittrattax dwar il-kundizzjonijiet tar-residenza tagħhom fl-Istati Membri.

(11) Il-vittmi għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv. Għalhekk għandha tkun disponibbli għajnuna xierqa lill-vittmi qabel, waqt u wara l-proċeduri kriminali. Sabiex l-assistenza u l-appoġġ ikunu effettivi, huwa neċessarju li jiġu provduti fuq bażi informata u konsenswali, li tiggarantixxi li l-vittma taqbel ma' pereżempju azzjonijiet biex jiġi misjub mard jew miżuri essenzjali ta' appoġġ. L-assistenza u l-appoġġ provduti għandhom jinkludu ta' mill-inqas sett ta' miżuri li huma neċessarji biex jippermettu lill-vittma tirkupra u taħrab mit-traffikanti. L-implimentazzjoni prattika ta' tali miżuri, fuq bażi ta' valutazzjoni individwali magħmula skont il-proċeduri nazzjonali, tieħu f'kunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata. Persuna għandha tiġi provduta bl-assistenza u appoġġ mal-ewwel kif ikun hemm indikazzjoni li hi setgħet ġiet ttraffikata irrispettivament mill-volontà tagħha li tkun xhud. L-assistenza għandha tiġi provduta mingħajr kundizzjonijiet għall-inqas sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu d-deċiżjoni finali fir-rigward tal-perjodu ta' riflessjoni u l-permess ta' residenza, jew inkella jiġi rikonoxxut li l-persuna hija vittma tat-traffikar tal-bnedmin. Jekk, wara li jitlesta l-proċess ta' identifikazzjoni jew l-iskadenza tal-perjodu ta' riflessjoni, il-persuna ma tkunx ikkunsidrata eliġibbli għal permess ta' residenza jew inkella ma jkollhiex residenza legali fil-pajjiż, l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx obbligat li jkompli jipprovdi assistenza u appoġġ lil dik il-persuna fuq il-bażi ta' din id-Direttiva. Meta jkun meħtieġ, l-assistenza u l-appoġġ għandhom ikomplu jingħataw għal perjodu xieraq wara l-proċedimenti kriminali, pereżempju jekk hemm trattament mediku li għadu qed jingħata għall-kura fiżika jew psikoloġika tal-konsegwenzi tad-delitt, jew jekk is-sigurtà tal-vittma qiegħda f'riskju minħabba d-dikjarazzjonijiet tagħha f'proċedimenti kriminali.

(12) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali[21] tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti legali, inkluż id-dritt ta' protezzjoni u kumpens. Barra dan il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jingħataw aċċess għal konsulenza legali u għal rappreżentanza legali, ukoll għall-fini ta' talba għall-kumpens. L-għan tal-konsulenza legali hija biex tippermetti lill-vittmi biex ikunu infurmati u jieħdu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħa għalihom. Il-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali għandha tiġi mogħtija mingħajr ħlas għallinqas meta l-vittma ma għandhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri. Peress li huwa improbabbli li b'mod partikolari l-vittmi li jkunu tfal jkollhom tali riżorsi, il-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali tkun fil-prattika mingħajr ħlas għalihom. Iktar minn hekk, fuq il-bażi ta' valutazzjoni ta' riskju individwali magħmula skont il-proċeduri nazzjonali, il-vittmi għandhom ikunu protetti mir-ritaljazzjoni, mill-intimidazzjoni, u mir-riskju li jiġu ritraffikati.

---

20 ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

21 ĠU L 82, 22.3.2001, p. 1.

(13) Il-vittmi tat-traffikar li diġà sofrew abbuż u trattament degradanti li t-traffikar normalment joħloq, bħalma huwa l-isfruttament sesswali, l-istupru, il-prattiki simili għall-iskjavitù u t-tneħħija ta' organi, għandhom ikunu protetti mill-vittimizzazzjoni sekondarja u iktar trawma matul il-proċedimenti kriminali. Għal dan il-għan il-vittmi tat-traffikar għandhom jirċievu t-trattament xieraq għall-ħtiġijiet tagħhom matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali għandha tieħu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi bħalma huma l-età, it-tqala, is-saħħa, id-diżabbiltà u kundizzjonijiet personali oħra, kif ukoll il-konsegwenzi fiżiċi u psikoloġiċi tal-attività kriminali li għaliha ġiet sottoposta l-vittma. Jekk u kif it-trattament jiġix applikat għandu jiġi deċiż f'konformità mar-raġunijiet definiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ir-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja, prattika u gwida, fuq bażi ta' każ b'każ.

(14) Ma' dawn il-miżuri disponibbli lill-vittmi kollha tat-traffikar tal-bndemin, l-Istati Membri għandhom jiggrantixxu li l-assistenza speċifika, l-appoġġ u l-miżuri protettivi jkunu disponibbli għall-vittmi li huma tfal. Dawn il-miżuri għandhom jiġu provduti fl-aħjar interess tat-tfal u f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU. Meta l-età tal-persuna suġġetta għat-traffikar mhix ċerta, u hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen li hija taħt l-età ta' (18) tmintax-il sena, dik il-persuna għandha tiġi meqjusa bħala taħt l-età u għandha tirċievi assistenza, appoġġ u protezzjoni immedjati. L-assistenza u l-miżuri għat-tfal vittmi għandhom jiffukaw fuq l-irkupru fiżiku u psikoloġiku u fuq soluzzjoni duratura għall-persuna inkwistjoni. Bħala vittma taħt l-età hija għandha tiġi integrata mill-ġdid fis-soċjetà mill-aktar fis possibbli, din għandha neċessarjament tinkludi l-aċċess għall-edukazzjoni. Peress li t-tfal vittmi tat-traffikar huma partikolarment vulnerabbli, għandu jkun hemm disponibbli miżuri protettivi addizzjonali sabiex jipproteġuhom matul l-intervisti li jiffurmaw parti mill-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali.

(15) L-Istati Membri għandhom jistabblixxu u/jew isaħħu il-politiki biex jipprevjenu t-traffikar tal-bnedmin inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament u miżuri biex jiġi ridott ir-riskju ta' nies li jaqgħu vittmi tat-traffikar tal-bnedimn, permezz tar-riċerka, it-tagħrif, it-tqajjim tal-kuxjenza u t-tagħlim. F'dawn l-inizjattivi l-Istati Membri għandhom jadottaw approċċ ta' perspettiva tas-sessi u tad-drittijiet tat-tfal. Kwalunkwe uffiċjali li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-vittmi jew vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jiġu adegwatament imħarrġa biex jidentifikaw u jittrattaw ma' tali vittmi. Dan it-taħriġ ikopri b'mod partikolari uffiċjali tal-pulizija, gwardjani tal-konfini, spetturi tax-xogħol, persunal tal-kura tas-saħħa u persunal konsulari, iżda jista' wkoll, jiddependi miċ-ċirkustanzi, jinvolvi gruppi oħra ta' uffiċjali pubbliċili huma aktar propensi li jiltaqgħu ma' vittmi ta' traffikar fix-xogħol tagħhom.

(16) Id-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprovdi standards minimi dwar sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem ċittadini ta' pajjiżi terzi bla permess ta' residenza[22] tipprovdi għal pieni għal min iħaddem ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin fil-pajjiż illegalment li, waqt li ma ġewx akkużati jew misjuba ħatja mit-traffikar tal-bnedmin, jużaw xogħol jew servizzi li ġejjin minn persuna u jafu li din hija vittma ta' traffikar. Barra minn dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni l-possibbiltà li jagħmlu sanzjonijiet fuq l-utenti ta' kull servizz li ġej minn vittma, li

[22] ĠU L 126, 30.6.2009, p. 24.

huwa magħruf li din kienet ittraffikata. Din il-kriminalizzazzjoni ulterjuri tista' tinkludi lil minn iħaddem ċittadini ta' pajjizi terzi li qegħdin fil-pajjiz legalment u ċittadini tal-UE, kif ukoll minn jixtri servizzi sesswali minn kull persuna ttraffikata, tkun xi tkun in-nazzjonalità.

(17) Is-sistemi ta' moniteraġġ nazzjonali bħalma huma r-Rapporteurs Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri, bil-mod li jikkunsidraw xieraq skont l-organizzazzjoni interna, u għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa ta' struttura minima b'inkarigi identifikati, sabiex twettaq valutazzjoni ta' xejriet fit-traffikar tal-bnedmin, jitkejlu r-riżultati tal-azzjonijiet ta' kontra t-traffikar, u regolarment jirrapportaw lill-awtoritajiet nazzjonali relevanti.

(18) Billi l-għan ta' din id-Deċiżjoni, preċiżament il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri waħedhom u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 3 u 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu tal-aħħar, din id-Deċiżjoni Qafas ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(19) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u notament id-dinjità umana, il-projbizzjoni tal-iskjavitù, ix-xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew kastig inuman u degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għall-libertà, sigurtà, libertà ta' espressjoni u informazzjoni, il-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għal rimedu effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipju ta' legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni. B'mod partikolari, din id-Direttiva trid tiggarantixxi ir-rispett sħiħ għad-drittijiet u l-prinċipji u għandha tiġi implimentata adegwatament.

(20) [F'konformità mal-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva] JEW [Bla ħsara għall-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-libertà, is-sigurtà, annessa mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-ġustizzja, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhux se jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhux se jkunu vinkolati minnha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha]. Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Tratttat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
**Suġġett**

Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u s-sanzjonijiet fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin. Għandha l-għan ukoll li tintroduċi dispożizzjonijiet komuni biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-protezzjoni tal-vittmi tagħha.

*Artikolu 2*
**Reati li jkkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li l-atti intenzjonali li ġejjin ikunu punibblipunibbli:

   Ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dik il-persuna, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew tar-riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li għandha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament.

2. Pożizzjoni ta' vulnerabbiltà isseħħ fil-każ meta persuna ma' jkollhiex alternattiva reali u aċċettabbli iżda li tissottometti għall-abbuż involut.

3. L-isfruttament għandu jinkludi, tal-inqas, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi sfurzati, inkluż is-sisija, skjavitù jew prattiki simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-teħid ta' organi.

4. Il-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-persuni għall-isfruttament, mixtieq jew reali, għandu jkun irrelevanti fejn xi wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew użati.

5. Meta l-għemil imsemmi fil-paragrafu 1 jinvolvi t-tfal, għandu jkun reat ta' traffikar tal-bnedmin punibbli anke jekk ebda mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunu ġew użati.

6. Għall-għan ta' din id-Direttiva, "tfal" għandha tfisser kull persuna taħt it-tmintax-il (18) sena.

*Artikolu 3*
**Istigazzjoni, għajnuna, kompliċità u attentati**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-istigazzjoni, għajnuna, tixwix jew tentattivi sabiex jitwettaq reat imsemmi fl-Artikolu 2 ikunu punibbli.

*Artikolu 4*
**Penali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-kondotta msemmija fl-Artikolu 2 tista' tiġi kkastigata b'penali ta' massimu ta' mill-inqas ħames snin priġunerija.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li r-reat imsemmi fl-Artikolu 2 ikun punibbli b'sentenzi ta' priġunerija b'piena massima li ma tkunx anqas minn għaxar snin fejn ikun twettaq f'xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

   (a) ir-reat twettaq minn uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu/ha;

   (b) Ir-reat ġie mwettaq kontra vittma li kienet partikolarment vulnerabbli, li fil-kuntest ta' din id-Direttiva, għandha tinkludi għall-inqas tfal li huma vittmi , u adulti li huma partikolarment vulnerabbli għal raġunijiet ta' tqala, kundizzjonijiet ta' saħħa jew diżabbiltà;

   (c) ir-reat kien imwettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Qafas 2008/841/ĠAI[23].

   (d) ir-reat ikun deliberatament jew permezz ta' negligenza gravi poġġa l-ħajja tal-vittma f'periklu;

   (e) ir-reat ikun twettaq bl-użu tal-vjolenza serja jew ikun ikkawża ħsara partikolarment serja lill-vittma.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li reat imsemmi fl-Artikolu 3 ikun punibbli permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jistgħu jinvolvu l-estradizzjoni.

*Artikolu 5*
**Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi**

1. L-Istat Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal reat msemmi fl-Artikolu 2 u 3, li jkunu saru għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li jaġixxu individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li jkollhom pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, bbażata fuq:

   (a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika, jew

   (b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika, jew

   (c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija fil-paragrafu 1, tkun għamlet possibbli t-twettiq tar-reati kriminali msemmija fl-

---

[23] ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.

Artikoli 2 u 3 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika skont il-paragrafi 1 u 2 m'għandhiex teskludi proċeduri kriminali kontra persuni fiżiċi li huma awturi, instigaturi jew aċċessorji fir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.

4. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, 'persuna ġuridika' għandha tfisser kull entità li jkollha personalità ġuridika taħt il-liġi applikabbli, minbarra l-Istati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità Statali u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 6*

**Sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi**

1. L-Istat Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna legali miżmuma responsabbli skont Artikolu 5(1) u (2) tista' tkun ikkastigata b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra, bħal:

(a) l-esklużjoni mid-dritt għal benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

(b) skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;

(c) it-tqegħid taħt is-sorveljanza tal-qorti;

(d) l-istralċ ġudizzjarju;

(e) għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li setgħu ntużaw biex tkun kommessa l-offiża.

*Artikolu 7*

**Ma jkunux applikati sanzjonijiet lill-vittmi.**

L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-prinċipji bażiċi tas-sistema legali, jipprovdu l-possibbiltà li ma jagħmlux prosekuzzjoni jew jimponu pieni fuq il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta li jkunu suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-Artikolu 2.

*Artikolu 8*

**Investigazzjoni u Prosekuzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ma jkunux dipendenti fuq ir-rapport jew l-akkuża magħmula mill-vittma u li l-proċeduri kriminali jistgħu ikomplu wkoll jekk il-vittma tkun irtirat id-dikjarazzjoni tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 għal perjodu suffiċjenti ta' żmien wara li l-vittma tkun saret maġġorenni.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 jkunu mħarrġa b'mod xieraq.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi li jintużaw fil-każijiet tal-kriminalità organizzata bħal ma huma r-rintraċċar tat-telefon, is-sorveljanza elettronika, u investigazzjonijiet finanzjarji jkunu disponibbli lill-persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.

*Artikolu 9*

**Ġuriżdizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fuq reat msemmi fl-Artikoli 2 u 3 fejn:

(a) ir-reat ikun twettaq totalment jew parzjalment fit-territorju tagħhom; jew

(b) min iwettaq ir-reat huwa ċittadin tagħhom jew għandu r-residenza abitwali tiegħu/tagħha fit-territorju tagħhom; jew

(c) ir-reat huwa mwettaq kontra ċittadin tagħhom jew persuna li għandha r-residenza abitwali tagħha fit-territorju tagħhom; jew

(d) ir-reat jitwettaq għal benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

2. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax jew li japplika biss f'ċirkostranżi speċifiċi, ir-regoli tal-ġuriżdizzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1(c) u 1(d) safejn ir-reat jitwettaq barra mit-territorju tiegħu.

3. Għall-prosekuzzjoni ta' reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3 mwettaq barra mit-territorju tal-Istat Membru ikkonċernat, fir-rigward tal-paragrafu 1(b), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-istabbiliment tal-ġuriżdizzjoni tagħhom mhux subordinat għall-kundizzjoni:

(a) li l-atti huma kkriminalizzati fil-post fejn twettqu jew

(b) li l-prosekuzzjoni tkun tista' tibda biss wara rapport magħmul mill-vittma fil-post ta' fejn twettaq ir-reat, jew denunzja mill-Istat tal-post fejn twettaq ir-reat.

4. L-Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan meta jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafu 2, fejn xieraq b'indikazzjoni tal-każijiet jew ċirkostanzi speċifiċi li fihom id-deċiżjoni tapplika.

*Artikolu 10*

**Assistenza u appoġġ għall–vittmi tat-traffikar tal-bnedmin**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun ipprovduta għajnuna lill-vittmi qabel, waqt u wara l-proċeduri kriminali sabiex tippermettilhom jeżerċaw id-drittijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali, u din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna tiġi provduta bl-assistenza u l-appoġġ malajr kemm jista' jkun peress li l-awtoritajiet kompetenti għandhom indikazzjoni li l-persuna tista' tkun ġiet sottomessa għal reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiggarantixxu li l-assistenza u l-appoġġ għal vittma ma jkunux kundizzjonali fuq il-volontà tal-vittma li taġixxi bħala xhud.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa fuq livell nazzjonali u lokali bil-għan li l-vittmi jkunu identifikati malajr u appoġġjati, b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ relevanti.

5. Il-miżuri ta' assistenza u appoġġ imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu provduti fuq bażi konsenswali u infurmata, u għandhom jinkludu ta' mill-inqas livell ta' ħajja li tiggarantixxi l-għajxien tal-vittmi permezz ta' miżuri bħalma huma akkomodazzjoni xierqa u sikura u assistenza materjali kif ukoll kura medika neċessarja inkluża assistenza psikoloġika, konsulenza u informazzjoni f'lingwa li jistgħu jifhmu, servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni fejn hu xieraq, u aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-vittmi li għandhom bżonnijiet speċjali.

*Artikolu 11*

**Il-protezzjoni ta' vittmi vulnerabbli tat-traffikar tal-bnedmin fil-proċeduri kriminali**

1. Il-miżuri ta' protezzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw b'żieda mad-drittijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI.

2. Barra dan il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jingħataw aċċess għal konsultazzjoni legali u għal rappreżentanza legali, ukoll għall-fini ta' talba għall-kumpens. Ir-rappreżentanza legali għandha tkun mingħajr ħlas meta l-vittma ma jkollhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti. Dan il-paragrafu għandu jkun bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) fejn il-vittma huwa minuri.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' difiża, l-Istati Membri għandhom jippermettu, li jekk skont il-prinċipji bażiċi tas-sistema legali tagħhom u fejn hu xieraq, ma tiġix żvelata l-identità tal-vittma tat-traffikar tal-bnedmin li jkunu xhieda.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu protezzjoni xierqa fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju individwali, fost l-oħrajn billi jkollhom aċċess għall-programmi ta' protezzjoni tax-xhieda jew miżuri simili, fejn xieraq u skont ir-raġunijiet definiti mill-leġiżlazzjoni jew proċeduri nazzjonali.

5. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, u skont il-valutazzjoni individwali mill-awtoritajiet kompetenti taċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jirċievu trattament speċifiku mmirat biex tiġi prevenuta l-vittimizzazzjoni billi tiġi evitata, sa fejn hu possibbli u skont ir-raġunijiet definiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kif ukoll mar-regoli tad-diskrezzjoni, il-prattika jew il-gwida ġudizzjarja:

(a) ripetizzjoni mhux meħtieġa ta' intervisti waqt l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-proċess;

(b) il-kuntatt viżiv bejn il-vittmi u min iwettaq ir-reat inkluż matul l-għotja tax-xhieda bħal fil-każi ta' interroġazzjoni u kontroeżami, b'modi xierqa inkluż l-użu ta' faċilitajiet awdjoviżivi;

(c) l-għotja ta' xhieda fil-qorti bil-miftuħ;

(d) mistoqsijiet mhux meħtieġa dwar il-ħajja privata.

*Artikolu 12*

**Dispożizzjoni ġenerali dwar l-assistenza, l-miżuri ta' appoġġ u protezzjoni għal vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li huma tfal**

1. Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li huma tfal għandhom jingħataw l-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni, filwaqt li wieħed għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-interessi tat-tfal.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-età tal-persuni suġġetti għat-traffikar tal-bnedmin ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet għalxiex wieħed għandu jemmen li l-persuni jkunu tfal, għandu jkun preżunt li huma jkunu tfal u jirċievu aċċess immedjat għall-protezzjoni u l-assistenza b'konformità ma' dan l-Artikolu skont l-Artikoli 13 sa 14.

*Artikolu 13*

**Assistenza u appoġġ għall–vittmi tat-traffikar tal-bnedmin**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li jiġu adottati miżuri biex jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet speċifiċi biex jipproteġu u jassistu l-vittmi, fit-terminu qasir u għat-tul, fil-fejqan fiżiku u psikosoċjali tagħhom wara li tkun saret evalwazzjoni speċifika taċ-ċirkustanzi speċjali ta' kull vittma partikolari u jittieħed kont tal-fehmiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tat-tfal.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri, meta jkun xieraq u possibbli, li jipprovdu assistenza u appoġġ lill-familja tat-tfal vittma tat-traffikar tal-bnedmin meta l-familja tkun fit-territorju tal-Istat Membru. B'mod partikolari, kull Stat Membru għandu, fejn xieraq u possibbli, japplika l-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI lill-familja.

3. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-Artikolu 10.

*Artikolu 14*

**Il-protezzjoni ta' vittmi vulnerabbli tat-traffikar tal-bnedmin fil-proċeduri kriminali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiggarantixxu li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ta', bil-liġi domestika, id-detenturi tar-responsabbiltà parentali huma preklużi milli jirrpareżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' kunflitt ta' interessi bejnhom u t-tfal vittmi , jew meta t-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja.

2. Barra dan il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jingħataw aċċess għal konsultazzjoni legali u għal rappreżentanza legali, ukoll għall-fini ta' talba għall-kumpens.

3. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiggarantixxu li fil-proċedimenti kriminali ta’ kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3:

(a) l-intervisti mat-tfal vittmi jsiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li l-fatti jkunu ġew irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti;

(b) l-intervisti mat-tfal vittmi jsiru, fejn meħtieġ, f’post imfassal u adattat għal dan il-għan;

(c) l-intervisti mat-tfal vittmi jitwettqu minn professjonisti mħarrġa għal dan il-għan;

(d) l-istess persuni, jekk possibbli u fejn xieraq, imexxu l-intervisti kollha mat-tfal vittmi ;

(e) l-għadd ta’ intervisti jkun limitat kemm jista’ jkun u l-intervisti jsiru biss fejn strettament meħtieġ għall-għan ta’ proċedimenti kriminali;

(f) it-tfal vittmi jistgħu jkunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn xieraq, adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni bil-maqlub b’raġuni biżżejjed rigward dik il-persuna.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li f’investigazzjonijiet kriminali ta’ kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 2 sa 3 l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn xieraq, ma’ xhieda tat-tfal , issir reġistrazzjoni awdjoviżiva tagħhom u dawn ir-reġistrazzjonjiet awdjoviżivi jistgħu jkunu użati bħala evidenza fil-proċedimenti tal-qorti, b’konformità mar-regoli taħt il-liġi ta’ pajjiżu.

5 L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fil-proċedimenti kriminali marbuta ma’ kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 2 u 3, jista' jiġi ordnat li:

(a) is-seduta għandha ssir mingħajr il-preżenza tal-pubbliku;

(b) it-tfal vittmi jkunu jistgħu jagħtu xhieda mingħajr ma jkunu preżenti fl-awla tal-qorti, partikolarment bl-użu ta’ teknoloġiji ta’ komunikazzjoni xierqa.

6. Il-paragrafi 1, 3, 4 u 5 għandhom japplikaw flimkien mal-Artikolu 11.

*Artikolu 15*
**Prevenzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiskoraġġixxu d-domanda li tħeġġeġ il-forom kollha ta' sfruttament relatat mal-ittraffikar tal-bnedmin.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet xierqa bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka u edukazzjoni, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, immirati biex iqajmu kuxjenza u jirriduċu r-riskju ta' nies, speċjalment tfal, isiru vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ regolari għall-uffiċjali li għandhom il-probabbiltà li jiġu f'kuntatt ma' vittmi potenzjali, inklużi uffiċjali tal-pulizija li qegħdin fuq quddiem, gwardji tal-fruntiera, spetturi tax-xogħol, persunal tal-kura tas-saħħa u persunal konsolari, immirat biex jippermettilhom jidentifikaw u jttrattaw vittmi u vittmi potenzjali tal-ittraffikar tal-bnedmin.

4. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jieħdu l-miżuri biex jistabilixxu bħala reat kriminali l-użu ta' servizzi li huma oġġett għal sfruttament kif imsemmi fl-Artikolu 2 bl-għarfien li l-persuna hija vittma ta' reat msemmi fl-Artikolu 2.

*Artikolu 16*
**Ir-Rapporteurs Nazzjonali u mekkaniżmi ekwivalenti**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu Rapporteurs Nazzjonali jew mekkaniżmi oħra ekwivalenti. Id-dmirijiet ta' tali mekkaniżmi għandhom jinkludu l-valutazzjonijiet dwar it-tendenzi tat-traffikar tal-bnedmin, it-tkejjil tar-riżultati tal-azzjonijiet ta' kontra l-ittraffikar u l-irrappurtar lill-awtoritajiet nazzjonali relevanti.

*Artikolu 17*
**Revoka tad-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI**

Id-Deċiżjoni Qafas 2002/629/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin qiegħda tiġi revokata, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jirrigwardaw l-iskadenza għat-traspożizzjoni fil-liġi domestika.

Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 18*
**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [SENTEJN MILL-ADOZZJONI]. Għandhom jikkomunikaw

minnufih lill-Kummissjoni t-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta’ korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b’din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 19*
**Rapportar**

1. Sa [erba' snin mill-adozzjoni] u kull tliet snin minn dak in-nhar 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill inkluża kwalunkwa proposta meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li tkun adatta għat-tfassil tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1. L-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri applikati taħt l-Artikoli 8, u l-Artikoli 10 sa 16, kif ukoll deskrizzjoni tal-konsiderazzjonjiet magħmula dwar miżuri possibbli taħt l-Artikolu 15.4.

*Artikolu 20*
**Id-Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin (20) jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 21*
**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussel,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |